MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 292/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ambrose Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ambrose Zammit talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Settembru 2003 u matul l-ahhar 6 xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(a) Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (raza tal-cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

(b) Biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f’xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

(c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, liema droga nstabet f’tali crikostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(d) Ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt metro mill-perimetru ta’ skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Ambrose Zammit ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Settembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-appellat (allura imputat) sabet lill-imsemmi Ambrose Zammit hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 22(1)(f), 8(a), 8(b), 22(2)(b)(i), l-ahhar proviso ta’ l-artikolu 22(2) u l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif ukoll l-artikoli 18 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ sitt snin u tmien xhur prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ tlett elef u tmien mitt liri Maltin (Lm3,800), kif ukoll ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ta’ l-istess Ambrose Zammit, ikkundannatu jhallas minnufih l-ispejjez ta’ l-esperti ammontanti ghal Lm905.99, u ordnat il-konfiska tad-droga esebita u l-konfiska tad-Dok. JP1 (mobile phone Nokia) u tad-Dok. JP3 (envelope abjad kontenenti Lm895 ilkoll go envelope kannella);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ambrose Zammitipprezentat fid-19 ta’ Settembru 2006, li permezz tieghu

talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ghar-reita` u thassarha fil-parti dwar il-piena billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis bhala ferm harxa u jressaq is-segwenti lmenti:

L-appellant jghid illi huwa veru li fil-konfront tieghu japplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u li mbaghad il-piena toghla bi grad minhabba l-aggravju dedott fir-raba' imputazzjoni, izda meta jitqies li s-"supplier" ser jigi processat ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ihoss illi ma saritx gustizzja mieghu.

Dan l-ilment, jekk jista' jissejjah hekk, huwa fieragh ghal kollox. Kull kaz jigi deciz fuq il-merti tieghu u mhux fuq jekk l-Avukat Generali ezercitax il-poteri tieghu skond l-artikolu 31 tal-Kap. 101.

L-appellant jghid ukoll illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li kellu fedina penali netta meta sar il-kaz u li mill-fedina penali aggornata l-uniku kaz li rrizulta kien ta' sewqan taht l-influwenza tax-xorb, u kull ma ghamlet kien li naqset mill-massimu ta' ghaxar snin a tenur ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u applikat il-massimu li kien fadal bhala piena. Jghid illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-anqas il-fatt li saret ammissjoni "ferm u ferm bikrija" meta rrilaxxja l-istqarrija, u meta harget il-kontra-ordni mill-Avukat Generali huwa ammetta, izda dik il-Qorti, ghalkemm mhux marbuta li taghmel hekk, ma haditx tali ammissjoni in konsiderazzjoni biex ikun hemm mitigazzjoni fil-piena. Jghid ukoll illi ghalkemm l-appellant ma jistax jiggustifika dak li ghamel, ghandu jigi kkunsidrat ghaliex u kif sab ruhu f'din is-sitwazzjoni, u cioe` li kkollassa wara l-mard li qabad lil missieru, izda minn meta

sar ir-reat dejjem ra kif ghamel biex jimxi fit-triq it-tajba u jikkollabora mal-gustizzja b'kull mod possibbli.

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata u minnha jirrizulta li dawn il-fatturi kollha ttiehdu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti a beneficcju ta' l-appellant. Difatti hija qalet testwalment hekk:

**"… wara li hasbet fit-tul meta giet biex tistabbilixxi l-piena u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi minn naha l-wahda l-gravita` ta' l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Ambrose Zammit, il-kwantita` pjuttost sostanzjali tad-droga involuta f'dan il-kaz, il-fatt li l-imputat kien ilu jbiegh ir-raza xi 4 xhur u dan jirrizulta minn dak li l-imputat qal hu stess fl-istqarrija tieghu datata 6 ta' Settembru, 2003, liema stqarrija markata bhala Dok. N1 tinsab inserita fil-Proces Verbal esebit bhala Dok. RB1, u d-dritt tal-Qorti li thares lis-socjeta` mill-pjaga tad-droga li qeghda teqred tant bnedmin, oltre li, inter alia, tiddistruggi familji shah u ghalhekk hawn jidhol l-element ta' deterrent li bih il-Qorti trid tinghat messagg car li hi, filwaqt li dejjem ghandha tkun gusta, trid ukoll taghti piena li tirrifletti sew il-gravita` tar-reati bhal dawn fil-kaz de quo u b'hekk dan iservi ta' deterrent effettiv, u <u>mill-banda l-ohra l-Qorti qieset l-eta` tal-imputat, il-fedina penali aggornata tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, qieset ukoll dak li xehdet omm l-imputat Inez Zammit fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2006, liema traskrizzjoni tad-deposizzjoni giet riportata aktar qabel f'din is-sentenza, kif ukoll l-applikazzjoni f'dan il-kaz ta' dak previst fl-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta</u>, tikkundanna …."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Barra minn hekk hawn si trattava ta' ammissjoni registrata wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u wara li l-Avukat Generali ddecieda a tenur ta' l-artikolu 31 tal-Kap. 101, li l-appellant jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. L-appellant ippersista f'dik l-ammissjoni anke wara li gie

mwissi b'mod l-aktar solenni mill-ewwel Qorti fuq il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. U f'dan il-kaz, il-piena taqa' fil-parametri tal-ligi u, kif diga` gie osservat, l-ewwel Qorti qieset dak kollu relevanti ghall-kaz.

L-appellant pero` jghid ukoll illi l-Kap. 101 ma jiddistingwix bejn droga u ohra ghal dak li jirrigwarda piena izda meta si tratta ta' cannabis il-Qrati taghna "dejjem taw pieni li huma aktar mitiganti [*sic!*] minn pieni li solitament jinghataw meta tkun involuta 'hard drug' bhal kokaina u l-eroina".

F'dar-rigward huwa bizzejjed li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mohamed Mohamed Abusetta** moghtija fl-4 ta' Dicembru 2003:

**"Din il-Qorti taqbel li l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn medicina perikoluza u ohra u li l-margini ta' piena hi l-istess ghall-medicini perikoluzi kollha. Ghall-finijiet ta' piena huwa maghruf ukoll li l-Qrati taghna jaghtu konsiderazzjoni ghal aspetti bhalma huma l-kwantita' involuta u l-purezza tad-droga in kwistjoni. Kuntrarjament ghal dak li sostniet id-difiza pero`, galadarba l-*cannabis* huwa trattat mil-ligi <u>bl-istess mod</u> bhall-medicini perikoluzi l-ohra, ma jistax jinghad li mhijiex fl-istess klassi ta' drogi ohrajn. Taht is-sistema legali taghna, klassi wahda ta' medicini**

**perikoluzi tezisti fil-Kap 101. U jekk id-difiza ghandha xi dubju dwar il-perikolozita` o meno tal-*cannabis*, bizzejjed issir riferenza ghal studji u rapporti innumerevoli li jikkonfermaw il-problemi fizici, mentali, psikologici, medici u socjali assocjati ma' l-uzu tal-*cannabis*[1] u li jwasslu lil din il-Qorti tirrespingi l-aspettattiva tad-difiza li l-Qorti ddahhal kuncett iehor fil-konsiderazzjonijiet dwar il-piena, dak ta' distinzjoni bejn gradi ta' perikolozita` bejn sustanza u ohra."**

Kwindi anke din is-sottomissjoni ta' l-appellant hija respinta.

Ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*. F'dan ir-rigward gie kemm-il darba citat b'approvazzjoni dak li jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though***

[1] Ara fost ohrajn: Rapport tar-*Royal College of Physicians and the Royal College of Psychiatrists* intitolat *Drugs, Dilemmas and Choices, London 2000*; Rapport tal-*American Academy of Pediatrics* intitolat *Marijuana: A Continuing Concern for Pediatricians, Pediatrics 1999*; Studju minn Trimboli u Coumarelos intitolat *Cannabis and Crime, New South Wales Bureau of Crime Statistics and Research, Publication No. 41, December 1998*.

***they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [2]

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-process u meta wiehed iqis l-ammont ta' droga involut u l-perijodu ta' zmien li kien attiv fit-traffikar taghha, u stante li t-traffikar ta' kull tip ta' droga illegali huwa reat serju u jrid jigi punit bhala tali, naturalment bit-tnaqqis opportun, bhal fil-kaz odjern, bis-sahha ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101, din il-Qorti ma tistax tghid illi l-piena nflitta fuq l-appellant hija b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

---

[2] Page 1695, para. D23.45

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------